MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

[Nhar il-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Joseph Galea – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Conrad Borg Manche ippreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier Joe Galea kien ser jittardja

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.2.1 Il-Viċi Sindku qal illi TM għadhom iridu jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji fuq is-sleeping police ta' Nazju Ellul u l-iscarifying ta' triq Emanuel Giordano [ref punt 43.2.2]. Huwa kompla jgħid li kien tkellem ma' uffiċjal fejn dan infurmah li dawn kienu ser isiru fil-futur qarib.

44.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Active Ageing qalu li kien ser ikun hemm delay biex jinbeda l-kors minħabba l-elezzjoni izda xorta waħda ser isir mill-aktar fis possibbli [ref punt 43.2.3]

44.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kaxxa tal-karrozza se titlesta fil-ġranet illi ġejjin u għandna nħalsu €150 [ref punt 43.2.5]

44.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat emajl lis-supertindent u għandu jitlaqa magħha rigward il-pjanijiet tal-festa. Fl-istess ħin għamel talba biex nieħdu ħsieb il-problema tal-mekaniks ġewwa triq Emmanuel Giordano [ref punt 43.2.9].

**Il-kunsilliera Graziella Attard Previ daħlet fis-5.55pm**

44.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jiltaqa' ma kuntrattur l-għada tal-laqgħa biex jaraw x'hemm bzonn isir fil-Pjazza Meme Scicluna biex nibdew is-sorveljanza tal-area bis-CCTV [ref punt 43.2.12]

44.2.6 Is-Sindku ppropona li naraw jekk il-Ministru tat-Turizmu jkun jista jgħin billi jipprovdi bankijiet ġodda għax-Xatt [ref punt 43.2.13]. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħa stima minn mastrudaxxa u biex nixkatlaw il-bankijiet għandna massimu ta' €100 fuq kull wieħed.

**Il-kunsillier Wayne Hewitt wasal fis-6pm**

44.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi, peress illi rċieva numru ta' ilmenti minn residenti u minn membri tal-Kunsill stess, kienu Transport Malta li għamlu l-Un/Loading Bay li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti [ref. punt 42.3.1], kif ukoll oħra ġewwa triq Patrick Stuart. Il-Kunsill anqas kien irċieva proposta biex isir l-Un/Loading ta' triq Sir Patrick Stuart. Il-Viċi Sindku lmenta għall-fatt illi awtoritajiet oħra għandom il-liberta li jagħmlu li jridu mingħajr ma jkun hemm konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-lokalita.

44.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamlu l-valenu tal-ġrieden max-Xatt fil-ġnien. Għal wirdien se jara ma kumpanija oħra.

## 44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.3.1 Il-Kunsill irċieva talba mill-kommunita tal-Filipini ġo Malta biex jagħmlu sezzjoni ta' Zumba nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju fil-ġnien il-Kunsill t'Ewropa. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

44.3.2 L-Għaqda Mużikali tal-Banda se jorganizzaw BBQ quddiem il-Knisja nhar is-Sibt 17 ta' Ġunju. Għamlu talba lill-Kunsill għal:

Mobile Toilets, skip, road closure u biex il-Kunsill iħallas parti mill-ispejjez għad-distribuzzjoni tal-flyer. Is-Sindku ppropona li naċċettaw l-ewwel tlett proposti izda mhux l-aħħar waħda. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-pulizija għandom ikunu jafu bir-road closure waqt illi mhux possibbli nisponsorjaw event tagħhom

44.3.3 L-Event Organizer tal-Kunsill bagħat korrispondenza fejn ta informazzjoni rigward il-kollaborazzjoni li l-Kunsill għandu jiddiskuti mal-MSDC, kif ukoll rigward l-event għal World Childrens Day li se ssir f'Novembru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi membri tal-MSDC jixtiequ jiġu jagħmlu preżentazzjoni dwar il-kollaborazzjoni li jixtiequ huma magħna. Il-Kunsill ippropona li l-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2017 bejn is-6pm u s-7pm.

44.3.4 Is-Sindku qal illi s-sid ta' Savoy Gardens talab lill-Kunsill jibgħat ittra lil PA biex jgħarrafhom illi hu kien ta kontribuzzjoni lill-kommunita billi ta l-premises tas-sala li hemm ġewwa Savoy Garden. Peress illi hemm il-ħsieb illi nibnu Civic Centre max-Xatt u b'hekk, fil-futur, mhux se jkun hemm bzonn is-sala. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilitajiet. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi għandna nkunu prudenti miegħu billi nikkonfermaw mal-PA li hu ta kontribuzzjoni, izda li għandna nieħdu evalwazzjoni tas-sala qabel ma niddeċċiedu jekk inżommu s-sala jew jekk jagħti kontribuzzjoni għall-bini tas-Civic Centre.

44.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Philip Alamango li qed jibni ġewwa triq ir-Rebħa għamel talba biex juża materjal ġdid fuq il-bankina barra l-propjeta li għadu kif bena. Il-Kunsill qabel illi għandu jibgħat artists impression. Is-Sindku qal illi l-istess persuna għandu jirranġa l-ħsara li għamel fuq il-bankina l-oħra faċċata l-binja tiegħu.

## 44.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

44.4.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa jekk hux possibbli li nibdew noffru lezzjonijiet ta' boxing fil-lokalita. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi noffru l-premises għal min hu lest jgħallem lit-tfal.

44.4.2 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa meta se ssir il-bozza ġewwa Garden Str. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġà tkellimna ma min neħħa l-bozza l-antika biex jibni u qiegħed imsiefer izda se jieħu ħsieb meta jasal lura.

44.4.3 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa jekk it-TM lestew ix-xogħol f'triq Guze Miceli c/w Sliema Rd u f'dak illi kaz biex niffriskaw il-linji li hemm.

## 44.5 Rapporti

44.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Quarterly Report 1/2017. Qal illi l-accountant kien bl-istudy leave u rċevejna r-rapport tard. Il-Kunsill ħareġ f'deficit ta' €11,000. Qal illi avolja l-Kunsill għandu FSI ta' 142% xorta waħda għandna nibdew noqogħdu attenti dwar l-infieq speċjalment biex inkunu nistgħu nwettqu l-proġetti li nixtiequ nagħmlu. Il-Kunsill qabel mar-rapport.

## 44.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

44.6.1 Is-Sindku ressaq proposta biex intejbu l-iskema ta' parkeġġ ġol-lokalita. Ippropona li nagħmlu fishbone parking ġewwa triq Stuart/Ponsomby/Nazju Ellul/Edgar Bernard. Ippropona wkoll li triq Stuart u Ponsomby isiru one-way biex isir dat-tip ta' parking. Waqt diskussjoni l-kunsillier Jeremy Cardona fakkar illi fil-passat dawk tal-ħwienet/residenti kienu oġġezzjonaw li t-toroq [Stuart u Ponsomby] isiru one way. Il-Kunsill se jistudja l-aħjar soluzzjoni.

44.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi peress illi għadu qed jistenna mingħand l-evaluators tal-Public Convenience biex ikun jista jagħti update fuq it-tender.

44.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex ikun jista jaħdem mid-dar f'każ illi jkollu jitlaq mill-uffiċju waqt il-ħin tax-xogħol minħabba raġunijiet personali. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni.

## 44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

44.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-Minuti. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta.

## 44.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm

Konfermati, illum it-Tlieta 3 ta' Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |